

Alcide de Gasperi: medjatur ispirat għad-demokrazija u l-ħelsien fl-Ewropa



Alcide de Gasperi 1881 - 1954

Mill-1945 sal-1953, fir-rwoli tiegħu bħala Prim Ministru Taljan u Ministru tal-Affarijiet Barranin, Alcide de Gasperi witta t-triq għad-destin tal-pajjiż fis-snin ta' wara l-gwerra.

Twieled fir-reġjun ta' Trentino-Alto Adige (it-Tirol t'Isfel) li, sal-1918, kien jaqa' taħt l-Awstrija. Flimkien ma' statisti oħrajn ta' żmienu, huwa mexxa kampanja b'mod attiv favur l-unità Ewropea. L-esperjenzi tiegħu taħt il-faxxiżmu u l-gwerra – huwa kien il-ħabs bejn l-1927 u l-1929 qabel ma sab kenn politiku fil-Vatikan - wasslu għall-konvinzjoni tiegħu li l-unjoni tal-Ewropa biss setgħet timpedixxi li jerġgħu jseħħu.

Huwa ppromwova f'bosta okkażjonijiet inizjattivi bil-għan li tingħaqad l-Ewropa tal-Punent, permezz ta' ħidma fuq ir-realizzazzjoni tal-Pjan Marshall u l-ħolqien ta' rabtiet ekonomiċi mill-qrib ma' pajjiżi Ewropej oħra, b'mod partikolari Franza. Barra minn hekk, huwa appoġġja l-Pjan ta' Schuman għat-twaqqif tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u għen sabiex tiġi żviluppata l-idea tal-politika Ewropea komuni dwar id-difiża.

Żgħożija

Alcide de Gasperi twieled fit-3 ta' April, 1881. Missieru kien pulizija bi dñul limitat. Kiber fir-reġjun ta' Trento li, f'dak iż-żmien, kien wieħed miż-żoni li jtkellmu bit-Taljan fi ħdan ir-raggruppament multinazzjonali u multikulturali tan-nazzjonijiet u l-popli tar-Renju Awstro-Ungeriż. Peress li ma kien hemm l-ebda università Taljana li seta' jattendi b'borża ta' studju, fis-sena 1900 mar fi Vjenna biex jistudja l-Filoloġija. Hemmhekk, huwa sar attiv fil-moviment tal-istudenti Kattoliċi. Kien matul dawn is-snin bħala student li mrexxielu jirfina l-ħiliet medjatiċi li iktar tard tant saru essenzjali matul is-snin li fihom kien politikament attiv. Pereżempju, huwa seta' jifhem li aħjar jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi milli dawn jinżammu fuq qalbek u kien jemmen li s-sustanza kienet importanti, u mhux il-forma. Meta ggradwa fl-1905, mar lura lejn Trentino fejn beda jaħdem bħala korrispondent mal-gazzetta La Voce Cattolica. F'dan iż-żmien, sar anki politikament attiv fl-Unione Politica Popolare del Trentino u fl-1911 ġie elett biex

jirrappreżenta lit-Trentino fil-Kamra tar-Rappreżentanti Awstrijaka. Huwa uża din il-pożizzjoni sabiex jagħmel kampanja favur it-titjib tad-drittijiet għall-minoranza Taljana.

L-esperjenzi bl-Ewwel Gwerra Dinjija u l-'Idee Ricostruttive'

Għad li de Gasperi baqa' politikament newtrali matul l-Ewwel Gwerra Dinjija, xorta waħda kien jissimpatizza mal-isforzi tal-Vatikan sabiex tintemm il-gwerra. Meta fl-1918 intemmet l-Ewwel Gwerra Dinjija, ir-reġjun ta' oriġini ta' De Gasperi sar parti mill-Italja. Sena wara, kien il-kofundatur tal-Partit tal-Poplu Taljan (Partito Popolare Italiano – PPI) u fl-1921 sar wieħed mill-membri parlamentari. Hekk kif bdew jikbru s-setgħat faxxisti fil-gvern Taljan taħt it-tmexxija ta' Mussolini, bl-użu mingħajr ħabi ta'

vjolenza u intimidazzjoni kontra l-PPI, il-partit ġie illegalizzat u xolt fl-1926. De Gasperi stess ġie arrestat fl-1927 u kkundannat għal erba' snin ħabs. Bl-għajjnuna tal-Vatikan, inħeles wara 18-il xahar. Ingħata kenn politiku ġewwa l-Vatikan, fejn ħadem għal 14-il sena bħala librar. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija kiteb l-'Idee ricostruttive' (Ideat għall-bini mill-ġdid) li eventwalment sawwru l-manifest tal-Partit Demokratiku Kristjan, imwaqqaf b'mod sigriet fl-1943. Wara l-waqa' tal-faxxiżmu, de Gasperi kien il-mexxer tal-partit u serva bħala Prim Ministru mill-1945 sal-1953 fi tmien gvernijiet konsekuttivi. Sal-lum, dan ir-rekord ta' permanenza politika fl-istorja tad-demokrazija Taljana għadu ma nqabiżx.

Rwol fl-integrazzjoni Ewropea

Matul din 'l hekk imsejja 'era ta' de Gasperi', l-Italja nbriet mill-ġdid billi twaqqfet Kostituzzjoni repubblikana, li saħħet id-demokrazija interna u li ħadet l-ewwel passi lejn il-bini mill-ġdid tal-ekonomija. De Gasperi kien proponent entużjast tal-kooperazzjoni internazzjonali. Bħala l-individwu responsabbli mill-bini mill-ġdid tal-biċċa l-kbira tal-Italja ta' wara l-gwerra, huwa kien konvint li l-Italja kellha bżonn terġa' tikseb l-irwol tagħha fix-xena internazzjonali. Għal dan il-għan, huwa ħadem sabiex iwaqqaf il-Kunsill tal-Ewropa, ikkonvinċa lill-Italja sabiex tiegħu sehem fl-Pjan Marshall tal-Amerika u sabiex tissieħeb fin-NATO. Il-kooperazzjoni b'saħħitha tiegħu mal-Istati Uniti seħħet fl-istess ħin hekk kif l-Italja kellha wieħed mill-ikbar partiti komunisti fl-Ewropa tal-Punent.

Demokrazija, qbil u ħelsien

De Gasperi kien jemmaen li t-Tieni Gwerra Dinjija għallmet lill-Ewropej kollha din it-tagħlima: "il-ġejjieni mhuwiex se jinbena fuq is-setgħa, u lanqas fuq ix-xewqa ta' ħakma, iżda permezz ta' applikazzjoni kajmana tal-metodu demokratiku, l-ispirtu kostruttiv ta' qbil, u b'rispett għall-ħelsien". Dan hu dak li qal meta aċċetta l-premjju Charlemagne għall-impenn pro-Ewropej tiegħu fl-1952. Din il-viżjoni tispjega għaliex wieġeb minnufih għas-sejħa ta' Robert Schuman fid-9 ta' Mejju 1950 għal Ewropa magħquda, li

sena wara wasslet għat-twaqqif tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA). Fl-1954 sar l-ewwel President tal-Assemblea Parlamentari tal-KEFA. U għad li l-proġett finalment falla, De Gasperi kien wieħed minn dawk li ddifendew u pproponew il-politika komuni Ewropea għad-difiża.

Komunità Ekonomika Ewropea

Matul dawn il-passi bikrin lejn integrazzjoni Ewropea, ir-rwol ta' de Gasperi ġie spjegat bħala dak ta' medjatur bejn il-Ġermanja u Franza, li kienu ilhom mifrudin minn kważi seklu ta' gwerer. Fl-aħħar snin ta' ħajtu kien anki forza ta' ispirazzjoni wara l-ħolqien tal-Komunità Ekonomika Ewropea. Għad li miet qabel ma seta' jara l-ħolma ssir realtà - peress li miet f'Awwissu 1954 – ir-rwol tiegħu ġie rikonoxxut sew meta ġew iffirmati t-trattati ta' Ruma fl-1957.

Żgħożitu, l-esperjenzi tiegħu matul il-gwerra, l-għajxien taħt il-faxxiżmu u l-fatt li kien parti minn minoranza kkonvinċew sew lil Alcide de Gasperi li kien hemm bżonn ta' unità Ewropea sabiex iddewwi l-feriti taż-żewġ Gwerer Dinjija u sabiex tgħin jiġi evitat milli jerġgħu jiġru l-atroċitajiet tal-imgħoddi. Huwa kien motivat minn viżjoni ċara ta' Unjoni tal-Ewropa li ma tifux post l-istati individwali, iżda tippermettilhom imorru tajjeb flimkien.



De Gasperi jieħu b'idejn il-Kanċillier Ġermaniż Konrad Adenauer f'Ruma fl-1957.